Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 247/2015/1

**Bjorn Cassar Simmonds (appellant)**

**vs**

**Lorraine Fonk (appellat)**

13 ta' Lulju, 2018

1. Fid-19 t'Awwissu, 2015 l-attur ipprezenta kawza fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talab hlas ta' tmint elef disa' mija u tnejn u sittin ewro (€8,962), ghax-xiri tal-vettura Renault Megane Coupe 1.5dCI mhallsa minnu, kif ukoll talab li l-intimata tigi ordnata tirritorna *pet, treadmill, BBQ set*, ghodda u apparat tal-kcina, spirti u mbejjed ta' valur u diversi ghodda tal-garaxx u oggetti tal-karozza fi stat tajjeb jew il-valur taghhom.

2. Il-konvenuta wiegbet illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li ghandu jiehu xi haga minghandha. Tirrileva li l-partijiet kienu f'relazzjoni bejniethom li hija temmet u li din l-azzjoni temergi minn dan il-fatt. Teccepixxi li (i) l-karozza tat-tip Renault Megane inxtrat minnha u thallset minnha u ma jezisti ebda bilanc dovut lill-attur; u (ii) illi hija sid wahdanija tal-pet skont il-*Licence of Ownership* esebit minnha kwindi m'ghandhiex taghti lill-attur la l-*pet* u lanqas il-valur tieghu. Tishaq li l-azzjoni attrici hija tentattiv sabiex l-attur jakkwista flus li m'humiex dovuti lilu u sabiex jintimidaha u jibqa' jzomm kuntatt maghha.

3. Permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-5 t'Ottubru, 2017, l-ewwel qorti ddecidet:

*"Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimata limitatament ghal dak illi ghandu x'jaqsam mal-valur tal-Mercedes MAI 948 kif ukoll tal-kelb u tal-ogetti kollha imsemmija mir-rikorrent ghajr ghat-treadmill.*

*Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata ghal dak illi ghandu x'jaqsam mar-ritorn u/jew hlas tat-treadmill proprjeta tar-rikorrenti u fil-pussess tal-intimata.*

*Tilqa' t-talbiet attrici limitatament għal dak illi jirrigwarda r-ritorna u/jew ħlas tat-treadmill filwaqt illi tiċħad it-talbiet attrici għall-kumplament tat-talbiet tar-rikorrenti u, wara illi kkunsdirat illi tali treadmill ilu fil-pussess tal-intimata għal madwar tlett snin,*

*Tikkundannna lill-intimata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' elf tlett mija u disgħa u disgħin Euro (€1,399) rapprezentanti l-valur tal-istess treadmill kif ikkonfermat mir-rikorrent".*

4. L-attur appella bl-aggravju jkun li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tikkunsidra li l-oneru tal-prova tal-pagament hija nkombenti fuq id-debitur, kif ukoll naqset milli tagħmel apprezzament korrett tal-provi kemm fir-rigward tal-vettura, kif ukoll fir-rigward tal-oġġetti personali. Għaldaqstant talab li filwaqt li l-qorti tikkonferma s-sentenza sa fejn laqgħat it-talba attrici għar-ritorn u/jew ħlas tat-*treadmill*, b'dan illi tirriforma l-ammont likwidat għal €1,899, rapprezentanti l-valur tat-*treadmill;* tirrevoka il-kumplament tas-sentenza, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta' €7,550 rapprezentanti l-bilanċ fuq il-vettura Mercedes u tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma li jidhrilha xieraq għall-valur tal-oġġetti personali u għal dak li nefaq għall-*pet*.

5. Il-konvenuta pprezentat risposta fejn tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell kellu jiġi miċħud u s-sentenza tiġi kkonfermata.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju, 2018*,* u rat l-atti kollha tal-kawża.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

7. Mill-atti jirriżulta li:-

i. Il-partijiet għamlu xi żmien f'relazzjoni jgħixu flimkien, l-ewwel mal-ġenituri tal-attur u wara f'post li kien tal-konvenuta.

ii. L-attur kien sid ta' karozza, tat-tip Mercedes Benz fis-7 t'Awwissu, 2013[1], mingħand iz-ziju tiegħu. L-attur isostni li peress li kellu diġa' karozza u l-vettura tal-konvenuta kienet qegħda tatiha l-problemi, kienet qegħda tagħmel użu minnha. Wara li sema' bil-possibilità li tiddaħħal taxxa fuq min ikollu iktar minn karozza waħda, ddeċieda li jittrasferixxi l-Mercedes fuq il-konvenuta. Dan it-trasferiment seħħ

[1]Ara kopja tal-logbook esebit minnu bħala Dok. BCS1 a fol. 25 tal-process.

fis-26 ta' Novembru, 2013.[2] Wara ftit, il-konvenuta ghazlet li tbiddel din il-karozza ma' wahda ohra (Renault Megane Coupe) li kellha tigi mpurtata mill-Irlanda. Sar l-arrangament ma' negozjant imsejjah ta' Ventur fejn dan kellu jiehu hsieb li jnizzel il-karozza maghzula mill-konvenuta u dan versu l-prezz ta' €15,700. Filwaqt li dan in-negozjant thallas in parti permezz ta' tpartit mal-Mercedes (ghall-valur ta' €7,550), il-bilanc thallas permezz ta' cekk[3] mahrug mill-konvenuta ghall-ammont ta' €8150. B'hekk fit-13 t'Ottubru, 2014[4], il-Mercedes giet trasferita minn fuq il-konvenuta ghal fuq Ventur Auto Imports Company Limited minflok depozitu ta' flus sabiex tigi mpurtata r-Renault Megane u l-bilanc tal-prezz thallas mill-konvenuta ghaxart ijiem wara.

iii. Fir-rigward tal-*pet*, ossia l-kelb tar-razza Cavalier King Charles Spaniel, mid-dokumenti esebiti mill-konvenuta jirrizulta, li hi rregistrata bhala s-sid fuq il-*Licence of Ownership*[5] u li dan il-kelb huwa ccertifikat bhala pedigree[6]. Giet esebita wkoll skrittura[7] li saret bejn il-konvenuta u bejn minghand min xtrat il-kelb, li minnha jirrizulta li l-konvenuta ghamlet il-hlas totali ta' €550 ghal dan il-kelb.

iv. In kwantu ghat-*treadmill* jirrizulta li din inxtrat mill-attur f'Dicembru tas-sena 2014 ghall-prezz ta' €1899.

8. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat meta cahdet it-talba tieghu ghall-hlas tal-vettura Mercedes, peress li filwaqt li mhux qieghed jikkontesta li kienet il-konvenuta li hallset il-bilanc ta' €8,150 ghall-karozza Renault, jekk kemm-il darba kien hemm spiza ta' €15,700 sabiex din tithallas, tingarr lejn Malta, jinhargu l-pjanci, tithallas il-licenzja u jithallas in-negozjant tas-servizzi tieghu, allura l-Mercedes li zamm Ventur kellha valur ta' €7,550, li huwa baqa' ma thallasx. L-appellant jattakka l-kredibbilità tal-verzjoni moghtija mill-konvenuta dwar l-allegat ftehim li kien hemm bejniethom u dwar il-hlas li tghid li sar ghall-vaganzi taghhom li gawdiet minnhom hija stess. Jikkontendi wkoll li l-ewwel Qorti zbaljat meta waslet ghall-konkluzjoni li c-Certifikat tar-Registrazzjoni tal-vettura kien l-ahjar prova u strahet fuq il-kopja pprezentata minn awtorità pubblika, bhala parti estraneja ghad-disgwid bejn il-kontendenti fil-kawza. Jishaq li l-verzjoni tieghu hija aktar verosimili u li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija difettuza ghal tliet ragunijiet:

(I) Ir-rilevanza tac-certifikat ta' registrazzjoni ma kellux jiddetermina l-qofol tat-talba attrici ghall-hlas meta dan huwa indikattiv l-aktar ghal min hu s-sid tal-vettura u mhux jekk effettivament sarx hlas. L-attur isostni li dan jikseb rilevanza peress li l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda investigazzjoni kriminali sabiex jigi determinat jekk ic-certifikat kienx originali jew falz, jew jekk sarx xi intervent fuq l-istess certifikat waqt

[2] Ara *Vehice History Details* a fol. 95 tal-process.
[3] Dok C554 a fol. 86 tal-process.
[4] Ara *Vehice History Details* a fol. 95 tal-process.
[5] Ara Dok. A a fol. 6 tal-process.
[6] Dok. B a fol. 7 tal-process.
[7] Esebita bhala Dok. PET a fol. 87 tal-process.

li dan kien mizmum ghand l-Awtorità, dan fid-dawl tal-akkuzi li saru mill-kontendenti fis-sens li xi hadd ghamel intervent fuq l-istess Certifikat tar-Registrazzjoni.

(II) Ix-xhieda tal-appellant, kif ukoll tax-xhud tal-firem Godfrey Cassar Simmonds, kienet konsistenti fis-sens li kienet il-konvenuta li mliet il-*logbook* u li hadet hsieb li jsir it-trasferiment u kwindi li arbitrarjament immarkat li t-trasferiment bejn iz-zewg partijiet sar bi hlas qabel ma ssottomettiet ir-registrazzjoni tat-trasferiment tal-vettura. Dan meta l-konvenuta stess xehdet li hija hallset biss €1,500 fi flus kontanti u hallset il-bilanc permezz ta' hlas ghal safar li huma ghamlu bhala koppja. Jistaqsi x'sens kellu li jittikja l-kaxxa li sar hlas in kontanti meta ghal vettura li tiswa €7,550, ircieva biss €1,500 u ghalhekk l-osservazzjoni tal-Qorti kien wiehed *non sequitur.* Inoltrè jinghad minnu li l-ewwel Qorti m'applikatx l-istess principji mhaddna minnha bl-istess mod, peress li filwaqt li osservat li ma tressqet ebda prova dokumentarja dwar il-valur pretiz minnu, daqstant il-konvenuta ma ressqet ebda prova tal-allegat ftehim li hallset ghall-parti mill-prezz tal-Mercedes, billi hallset ghas-sehem tal-attur ghall-varji mawriet.

(III) Apparti li huwa jichad kategorikament li rcieva xi hlas ghall-Mercedes, ladarba l-konvenuta appellata kienet qeghda tistrieh unikament fuq ic-Certifikat tar-Registrazzjoni bhala prova, l-oneru tal-prova tal-hlas kien jaqa' fuqha sabiex issostni dak allegat minnha. Kwindi jikkontesta l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-verzjoni tal-konvenuta kienet aktar kredibbli meta ma tinsabx korroborata minn ebda provi. Jishaq li l-konvenuta ma ressqet ebda prova ta' hlas bhal ircevuti, jew dikjarazzjoni ohra sabiex issostni dak li nghad minnha li hija hallset il-flus ghall-btajjel u vaganzi. Jiccita gurisprudenza fis-sens li fejn xi hadd jallega l-hlas ta' kreditu, il-piz tal-prova hija fuq id-debitur.

9. Bhala ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel stadju sakemm m'hemmx ragunijiet gravi li jikkonvincu lil din il-qorti li s-sentenza tal-ewwel qorti hi manifestament zbaljata.

10. Id-dizgwid bejn il-kontendenti nqala' wara li l-konvenuta waqfet ir-relazzjoni li kellha mal-attur. L-attur jispjega li ghall-ewwel huwa kien ittrasferixxa l-karozza Mercedes ghal fuq il-konvenuta kemm bil-hsieb li jiffranka t-taxxa li sema' dwarha, kif ukoll minghajr pretensjoni ta' hlas, peress li huma kellhom relazzjoni ta' fiducja bejniethom u qatt m'ghaddielu minn mohhu li ser tehodielu. Huwa jishaq li:

*"**Arrangament ma kienx hemm. Jien kont nafdaha u kienet relazzjoni ta' fiducja**."*

Izda ladarba ntemmet ir-relazzjoni u l-istess karozza ntuzat bhala parti min-negozju sabiex tinxtara l-karozza l-gdida tal-konvenuta, issa qieghed jippretendi li l-konvenuta thallsu parti mill-prezz ghax-xiri tal-vettura Renault Megane Coupe 1.5dCI.

11. Min-naha l-ohra l-konvenuta tikkontendi li hija kellha karozza tal-ghamla Vitz u kellha hsieb tbiegh il-karozza li kellha u tixtri ohra minflokha. Hija tghid li xtrat il-karozza tal-attur tal-ghamla Mercedes, izda ma tantx kienet kuntenta biha, peress li apparti li kienet goffa, kienet tahli hafna petrol. Tghid li huma talbu stima taghha minghand xi negozjanti u kienu qalulhom li tiswa bejn €5,000 u €5,500 u tishaq li kienu qablu li thallas lill-attur €5,000, permezz ta' pagament ta' €1,500 fi flus kontanti u l-bilanc hija kellha thallas ghas-safar taghhom: €4,000 ghall-mawra taghhom fl-Italja ta' fuq u €3,000 ghas-safra taghhom f'Londra. Kwindi meta tqis in-nefqa ta' nofs l-ammont ta' €7,000 (€3,500) flimkien mal-€1,500 imhallsa fi flus kontanti, ssostni li hallset il-prezz pattwit ta' €5,000 ghall-vettura kif miftiehem. Il-konvenuta tghid li kien wara li sar dan il-ftehim dwar il-hlas li l-attur itrasferixxa l-*logbook* tal-Mercedes fuqha. Izda ftit zmien wara li xtrat il-Mercedes, hija ppruvat issib il-bejgh taghha sabiex issib karozza aktar konvenjenti ghaliha. Meta marru ghand ta' Ventur, huwa stmaghha bejn €5,000 u €6,000, izda taha l-ghazla li thalli l-karozza fix-*showroom* li kellu fejn setghet issib offerta ahjar jekk jinqala' xi hadd li ried jixtri lilha. Tghid li wara ftit zmien, ta' Ventur infurmaha li kien hemm min kien lest jixtri l-Mercedes ghall-prezz ta' €7,500. Ghalhekk filwaqt li ftehmet ma' ta' Ventur li jzomm il-flus li dahhal ghall-Mercedes bhala depozitu fuq Renault Megane li giet impurtata mill-Ingilterra, meta din waslet hija hallset il-bilanc ta' €8,150. Kwindi tinsisti li hallset lill-attur tal-Mercedes skont kif ftehmu u ma ghandha thallas xejn izjed.

12. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kwistjoni principali tikkoncerna xi ftehim sar bejn il-kontendenti dwar il-vettura Mercedes. Ftehim bil-miktub ma sarx u l-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti. Li hu cert hu li l-attur iffirma c-certifikat ta' registrazzjoni. Dan wassal sabiex il-konvenuta saret sid il-vettura. Fis-7 ta' Awissu, 2013 il-vettura kienet registrata f'isem l-attur u t-transfer lill-konvenuta sar fis-16 ta' Novembru, 2013.[8] It-trasferiment lil Ventur Auto Imports Company Ltd saret fit-13 ta' Ottubru, 2014.

13. L-attur isostni li f'dak id-dokument, qatt ma mmarka l-kaxxa li hdejha ghandha l-kliem *'Hlas (Cash)'.* Hu pprezenta kopja tal-istess dokument bil-kaxxa vojta. Mill-provi li tressqu mhuwiex possibbli li wiehed jasal ghall-konkluzjoni li d-dokument gie mbaghbas wara li l-partijiet kienu ffirmawh. L-ewwel qorti ma kellha l-ebda obbligu li f'dak ir-rigward taghmel xi indagni. Huma l-partijiet li ghandhom id-dmir li jressqu provi u mbaghad il-qorti tiddeciedi. Dwara dan id-dokument xehedet Karen Cremona, ufficjal ta' Transport Malta li pprezentat ukoll kopja tad-dokument. Fuq l-istess dokument hemm il-firma ta' certu Ingrid Carbone. Fil-fatt hemm isimha ttimbrat fuq id-dokument u taht isimha l-kliem *'Land Transport Directorate'.* Il-

[8] Ara dokument a fol. 96.

fotokopja tad-dokument li pprezenta l-attur hu l-istess, bid-differenza li l-kaxxa ma' gemb il-kelma *'Hlas'* hi vojta. L-attur baqa' ma spjegax kif dik il-kopja giet f'idejh u meta. Min-naha l-ohra l-konvenuta xehedet li kienu marru flimkien ghand Transport Malta sabiex sar it-transfer, u l-konvenut *"talab ukoll kopja tal-logbook hekk kif ghamlulna t-transfer"*. Irrispettivament x'inhi l-verita, jibqa' l-fatt li l-kopja tad-dokument ufficjali li pprezentat l-ufficjal ta' Transport Malta, fih marka fil-kaxxa 'Hlas'. Mid-dokument biss li pprezenta l-attur, il-qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenuta ziedet il-marka minn wara dahar l-attur. F'kull kaz id-dokument li pprezentat l-ufficjal ta' Transport Malta hi l-aqwa prova li l-vettura saret proprjeta tal-konvenuta, irrispettivament sarx hlas jew le.

14. Il-qorti tosserva wkoll kif:

i. L-attur ma spjegax x'arrangament kien sar mal-konvenuta dwar kif suppost kellha thallsu ghall-vettura. Jekk il-verzjoni tal-attur hi l-verita, allura l-kreditu twieled meta fit-13 ta' Ottubru 2014 il-vettura kienet trasferita lil Ventur Auto Imports Company Limited. M'huwiex bizzejjed li l-attur ighid li kien jafda lill-konvenuta. Probabbilment kien isir ftehim dwar kif kien ser jithallas l-attur. Prova li m'hemmx.

ii. Mill-provi rrizulta kif wara li spiccat ir-relazzjoni, l-attur hallas is-somma ta' €500 lill-attrici. Dan minkejja li jsostni li hu kreditur ta' somma ferm ikbar. Hu veru li xehed li kien inghata parir legali sabiex ihallas dik is-somma lill-konvenuta. Pero' l-attur ma ressaqx lill-avukat bhala xhud sabiex jikkorabora dik il-verzjoni. Il-qorti ssibha difficli temmen li fuq bazi ta' probabbilta' avukat ser jaghti parir bhal dak meta l-attur isostni li hu kreditur tal-konvenuta ghal somma flus ferm iktar minn €500. Fuq bazi ta' probabbilta' jekk hu veru li r-relazzjoni spiccat bil-mod kif spjegat fil-provi li ressaq l-attur u l-attur hu kreditur ghal somma bhal dik, ma kienx ser jaghmel pagament ta' €500 u jibghat messagg li jghid, *"Will send more next month"*.

iii. Fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2017 l-attur xehed, *"Issa jien ghandi emails hawnhekk tal-2015 li Lorraine Fonk qed tghidli biex nghidilha kemm hi l-karozza biex thallasni"*. *Emails* li ma gewx prezentati. Jekk dik hi l-verita, kien fl-interess tal-attur li jipprezentahom.

iv. Godfrey Cassar Simmonds xehed li meta ffirma l-logbook bhala xhud tal-firem, il-*logbook* kien mimli u l-kaxxa hdejn il-kelma 'Hlas', ma kinitx immarkata. Pero' in kontro-ezami xehed li meta ffirma l-logbook, kien ghadu vojt. Ezempju car ta' xhud li m'huwiex konsistenti fil-verzjoni li ta.

15. Jonqos li jigi kkunsidrat dik il-parti tal-appell li tikkoncerna: (i) l-ewwel Qorti ma ordnatx li jigi rritornat lilu l-BBQ; (ii) li llikwidat biss favur tieghu s-somma ta' €1,399 u mhux il-valur shih tat-treadmill ta' €1,899, kif konfermat mis-sales order esebita minnu in atti; u (iii) jitlob li tigi likwidata somma *arbitrio boni* viri ghal dak li nefaq ghall-pet.

16. Izda hawn ukoll din il-Qorti ma ssibx nuqqas fir-ragunament tal-ewwel orti peress li apparti s-sales order relattiva ghat-treadmill, l-attur ma ressaqx provi dokumentarji li ghandu oggetti ohra proprjetà tieghu ghand il-konvenuta jew dwar il-valur tal-oggetti. Dan apparti li fil-kaz tal-pet il-provi tal-konvenuta juru mhux biss li hi s-sid tal-kelb, izda sahansitra pproduciet skrittura li saret bejnha u minghand min xtrat il-kelb, li minnha jirrizulta li l-konvenuta ghamlet il-hlas totali ta' €550 ghal dan il-kelb. L-attur appellant ma jiffigura mkien fix-xiri tal-kelb. Ghalkemm xehed li ghandu emails tal-konvenuta li fihom ikkonfermat li ser thallsu nofs il-prezz tal-kelb, jekk jezistu baqa' ma pprezentahomx. L-uniku ammont reklamat mill-attur li gie ppruvat hu fir-rigward tat-treadmill. Hu minnu li s-*sales order* tindika li din inxtrat f'Dicembru 2014, ghall-prezz ta' €1,899. Pero' meta wiehed iqis id-deprezzament taghha, il-Qorti ssib li l-ammont ta' €1,399 akkordat mill-ewwel Qorti hu gust u ghalhekk ma tarax raguni valida sabiex tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-attur.**

Anthony Ellul.